MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 5/2004

**Lucianne Cassar**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Marzu 2004, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

Decizjoni appellata:-

*"B'referenza ghall-korriment li inti garrabt fuq ix-xoghol fit-12/07/2001 ghandi ninfurmak li peress li skond il-Bord Mediku ta' dan id-Dipartiment dan il-korriment gablek disabilita` ta' 3 fil-mija, inti issa intitolata ghal Gratifikazzjoni ghall-Inkapacita` ta' Lm229.43."*

L-Appell:-

*“Inkarigata niktiblek f’ isem Lucianne Cassar ta’ Harmony Court, Triq il-Qadi, Zejtun, u naghmel referenza ghall-korrispondenza mibghuta mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali nhar it-2 ta’ Settembru 2003, fejn il-klijenta tieghi nghatat 3% disabilita` ghall-korriment li hi kienet garrbet fuq ix-xoghol nhar it-12 ta’ Lulju 2001 u konsegwentement b’ gratifikazzjoni ghall-inkapacita` ta’ Lm229.43.*

*Il-klijenta tieghi qeghda tikkontesta l-persentagg moghti mill-Bord Mediku stante li ma jirriflettix bl-istess mod dak moghti mill-Konsulent Mediku Mr. Charles Grixti, jigifieri persentagg ta’ 8% (kopja tar-rapport hawn annessa) u ghalhekk l-ammont derivanti bit-3% huwa ferma inqas minn dak li effettivament ikollu jirrizulta bi 8% bi pregudizzju ghas-Sinjura Cassar.*

*Ghaldaqstant gentilment nitolbok tirrevedi d-decizjoni tal-Bord Mediku f’ dak li jirrigwarda l-persentagg moghti ta’ 3% disabilita` lill-klijenta tieghi, sabiex dan ta’ l-ahhar ikun konformi ma’ dak moghti mit-tabib taghha stess.”*

Risposta tad-Direttur:-

*“Id-Direttur qed jissottometti:*

*1. Kopja ta’ l-applikazzjoni li tigbor fiha rapport mediku datat 25/8/2003 mahruga mill-Bord appuntat.*

*Skond il-Bord imsemmi li kien jinkludi fost il-membri tieghu specjalista fl-ortopedia, sab li l-appellanti sofriet dizabilita` permanenti kagun tal-korriment li sofriet fit-12/7/2001, ta’ 3%.”*

L-appellanti pprezentat kopja ta’ certifikat mediku rilaxxat minn Mr. Charles Grixti bid-data tas-6 ta’ Gunju 2003, fejn jiccertifika li l-appellanti sofriet dizabilita` permanenti ta’ 8%.

Jirrizulta pero` li meta l-appellanti giet ezaminata mill-Bord Mediku fil-25 ta’ Awissu 2003, fost il-membri tal-Bord kien hemm specjalista ortopediku. Ghalhekk mhux indikat li l-kaz jerga’ jigi riferut lill-Bord Mediku.

Ghaldaqstant l-Arbitru jichad dan l-appell.”

Ir-rikorrenti Lucianne Cassar appellat minn din is-sentenza bl-aggravju illi hi hassitha ppregudikata bil-fatt illi l-Bord Mediku ffissalha persentagg ta’ dizabilita` nferjuri ghal dak stabbilit mill-konsulent mediku *ex parte*;

Bhala fatti jirrizulta li l-appellanti kienet korriet fit-12 ta’ Lulju 2001 meta, fil-kors ta’ l-impjieg taghha, kienet qeghda tqandel kaxxi tqal bil-flus u weggghet idejha. Skond ic-certifikat mediku emess fis-6 ta’ Gunju 2003 mill-konsulent ortopediku taghha, Mr Charles J. Grixti, l-ewwel haga li tigi notata fih hi illi l-incident sehh fid-19 ta’ Settembru 2001 “*when she was about to slide the hopper into the slot machine whilst in a squatted position*”. Dan jaghti l-impressjoni li l-appellanti kienet involuta f’ zewg incidenti separati. F’ kull kaz, u indipendentement minn din il-kostatazzjoni, fuq l-ezami mediku kkonkluda li l-appellanti kellha debilita permanenti residwali ta’ tmienja fil-mija (8%). Ghall-kuntrarju, skond il-Bord Mediku tad-Dipartiment l-appellanti kellha dizabilita` ta’ tlieta fil-mija (3%);

Premessi dawn il-fatti, din il-Qorti trid tirregistra illi hi gja kellha bosta okkazjonijiet ohra li tokkupa ruhha minn kazijiet ta’ din ix-xorta. Dak li fil-fehma taghha jokkorri li jigi ezaminat f’ kazijiet konsimili huwa jekk id-Direttur, konsiderat bhala l-ewwel arbitru, segwiex id-dettami tal-ligi u rragunax korrettement biex wasal ghad-decizjoni tieghu;

Hi ligi illi meta t-talba tkun wahda ghall-ghotja ghall-korriment, “id-Direttur ghandu, qabel jaghti d-decizjoni

tieghu ... jikkonsulta dwar l-aspetti medici tat-talba ma' persuna wahda jew aktar li jkollhom warrant biex jezercitaw il-professjoni medika minn fost il-panel ta' persuni mahtura mill-Ministru bil-ghan li jaghtu parir dwar dawn il-kazijiet, skond kif tkun tehtieg in-natura tat-talba" (Artikolu 106 proviso (a) tal-Kapitolu 318);

Jirrizulta, indubitat, mill-atti tal-kaz illi d-Direttur anke f' dan il-kaz, qabel ma ha d-decizjoni dwar l-aspetti medici tat-talba, ikkonsulta ruhu mal-Bord Mediku, konsistenti minn panel ta' tobba, li fosthom kien hemm specjalista ortopediku kompetenti, biex dawn jaghtuh parir dwar il-kondizzjoni medika ta' l-appellanti.  Evidentement, dan il-panel kellu wkoll quddiemu r-rapport tal-konsulent mediku *ex parte*, li pero` ma jidherx li kkonvincih li l-appellanti kellha tabilhaqq dizabilita` ta' tmienja fil-mija (8%);

F' cirkostanzi simili ma jistax ikun li d-Direttur ma jsegwix ir-rizultanzi tal-Bord Mediku biex minflok jopta li jadotta dawk il-konsulent mediku tal-parti.  Huwa difficli ferm, una volta jkun determinat li d-Direttur mexa fedelment mad-dettam tal-ligi, illi taht dan l-aspett id-decizjoni tieghu titqies irragonevoli jew azzardata.  Anzi fil-hsieb ta' din il-Qorti kien ikun ferm pruzuntuz li kieku d-Direttur iddipartixxa bla raguni verament valida mill-konkluzjoni tal-Bord Mediku li minghandu ntalab il-parir.  Dan, logikament, ghal fatt illi d-Direttur ma kellux dik il-konoxxenza medika mehtiega biex jasal ghal konvinciment illi jadotta r-rapport tal-Prof. Grixti kontra dak tal-Bord Mediku;

Jista' jinghad illi kemm l-Arbitru kif ukoll din il-Qorti kienu jinsabu f' din l-istess posizzjoni.  Huwa minnu li l-Arbitru hu fakoltizzat bil-poter li jistharreg gudizzjarjament id-decizjoni tad-Direttur kif ukoll li, fi kliem is-subinciz (9) ta' l-Artikolu 108, il-gudizzju tieghu jigi motivat skond il-principji tal-gustizzja u ekwita`.  Cionostante, dan il-gudizzju tieghu la seta' jkun wiehed legger u lanqas kapriccjuz.  Huwa anzi kellu ghall-konvinzjoni tieghu jissodisfa ruhu illi d-

Direttur fuq il-parir tal-Bord Mediku wasal ghal konkluzjoni gusta tal-qaghda medika ta' l-appellanti. Meta fl-ezercizzju tieghu l-Arbitru ma jsibx fl-aggravju lilu sottomess illi kienu jezistu xi elementi li gravament jiskossaw id-decizjoni tad-Direttur, huwa kellu jaccetta dik id-decizjoni fuq il-bazi ta' dik l-opinjoni medika;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma ssibx x' ticcensura fir-ragonament u konkluzjoni ta' l-Arbitru. Ghaldaqstant ma ssibx li l-aggravju ta' l-appellanti huwa meritevoli ta' akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma d-decizjoni ta' l-Arbitru, bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------